Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAL-WIEHED U ERBGHIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 27 ta' April 2015 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 6.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA - SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI- MS |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI - RA |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO – RB |
| | Sur | JOHN P. BONNICI - JPB |
| | Sur | GERALD BORG – GB |
| | Sur | RALPH CASSAR – RC |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE – HMF Skuzat |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT – A.Zammit |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD – MM |

Kulhadd kien preszenti ghall-bidu tal-laqgha minbarra Dott. Herbert Messina Ferrante

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI**

Approvati.

**2. APPROVAZZJONI TA' AUDITED FINANCIAL STATEMENTS**

Approvati wara li s-Sur GB saqsa x'se jsir minn dawk il-€21,000 li kienu gew moghtija l-Kunsill ghall-progett PPP imma li ma gewx utilizzati. Is-S.E. qalet li l-flus eventwalment kienu intuzaw biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez kurrenti, imma issa s-sitwazzjoni finanzjarja immiljorat u dawn qed jinzammu extra kull darba. Is-Sur MS issuggerixxa li jinzammu go kont separat li jinfetah gdid. Is-SE qalet li ga ghandha tlett kontijiet u ma tixtieqx tiftah u zzid iktar kontijiet. Din it-talba ghandha tigi ridiskussa.

Is-Sur Marco Spiteri saqsa wkoll fuq il-fondi tar-Regjun. Is-SE spjegat li inizjalment kienu dahlu €44,724.52 li maghhom zdiedu €36,000 biex sal-ahhar ta' Dicembru bl-interessi b`kollox dawn gew jammontaw ghall-€80,746.53. Is-S.E.qalet li minnhom thallsu xi kontijiet kurrenti u l-ahhar fazijiet taz-zewg progetti ta' Triq il-Mingel u l-Housing Estate. Dawn il-progetti kollha gew approvati mir-Regjun flimkien ma` dawk godda proposti fosthom l-irrangar ta' Triq il-Gonna, il-bankini approvati mill-Kunsill ta' Triq id-Dirsa, Triq il-Mizieb, Triq is-Sienja u Triq Alfred Camilleri, kif ukoll Sqaq il-Pjazzetta. Is-Sur GB saqsa ghala se jittiehdu l-fondi minn tar-Regjun ta' Triq il-Pjazzetta u mhux minn UIF. Is-SE qalet li r-raguni hi li l-Perit ghandu t-Tender u kollox f'idu, ilhom ghandu mill-bidu ta' Frar u issa qed tiddubita kemm il-progett jista' jigi approvat u l-kuntrattur ikun irid jithallas la lesta u x-xoghol jigi certifikat sew.

Hi qalet ukoll li €20,000 li kienet hadet biex thallas il-kurrenti minnhom, se thallas bihom l-isqaq u tohrog biss id-differenza mill-fondi tar-Regjun. Qalet ukoll li mill-fondi tar-Regjun thallsu wkoll Triq il-Gonna, wara li l-Perit iccertifika li sar xoghol sew u l-bankini ta' Triq id-Dirsa u Triq Alfred Camilleri. Il-bilanc tal-fondi tar-Regjun jammonta ghall-€40,149.92 bhalissa u ghad-fadal jithallsu kif diga' spjegat il-progett ta' Triq il-Pjazzetta u l-bankini ta' Triq il-Mizieb u parti minn Triq is-Sienja.

Is-Sur MS talab prezentazzjoni ta’ Bank Statement ghall-laqgha li jmiss. Is-SE qalet li mhux problema anzi ghandha diga’. Hu qal li dan qed jintalab biss biex il-Kunsill il-gdid ikun infurmat u jkollu idea ta’ dak li qed jigri. Kulhadd qabel.

**3. AĠĠORNAMENT**

Din il-legislatura giet konkluza u l-laqgha giet aggornata ghal data mhabbra iktar `il quddiem.

________________________ Sindku

____________________ Data